MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 352/2014

Appell Nru: 352/2014

Il-Pulizja

Vs

Alfred Brown

Illum 29 ta' Jannar, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Alfred Brown, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 661242M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> F'Settembru 2013 u/jew fil-jiem ta' qabel din id-data mill-Marsa Golf Course gewwa dawn il-Gzejjer:-

1. Ikkommetta serq ta' apparat tal-Golf liema serq huwa aggravat bil-valur li huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

**2. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi:** gewwa l-Marsa Golf Course u f'dawn il-gzejjer xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghu jew imexxih liema oggetti jeccedu l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fil-25 ta' Awwissu, 2014, fejn il-Qorti wara li rat **l-Artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 261 (c), 279 (a) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta iddikjarat li ssib lill-imputat hati tar-reat ta' ricettazzjoni u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum ai termini tal-Artikolu 22 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux hati tal-akkuza l-ohra ta' serq aggravat bil-valur u tilliberah minnha.**

Rat ir-rikors tal-appell tal-istess Alfred Brown, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Settembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha dik il-parti fejn gie lliberat mill-akkuza ta' serq aggravat u thassar dik il-parti fejn gie misjub hati ta' ricettazzjoni u fejn gie lliberat bil-kundizzjoni illi ma' jghamilx reat iehor fi zmien sentejn u minflok jigi liberat minn kull htija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma' setghet qatt legalment u ragonevolment issib lill-esponent hati tal-akkuza ta' ricettazjoni u dan a bazi tal-istess kunsiderazzjonijiet maghmula mill-istess Qorti fis-sentenza appellata.

Hawn hekk l-esponent qieghed jaghmel riferenza partikolari ghall-paragrafi enumerati minn 1 sa 8 u li jinsabu a fol 22 sa fol 23 tas-sentenza appellata li jiddelinjaw il-kwadru tal-principji legali tal-imputazzjoni ta' ricettazzjoni u li jekk kellhom isibu applikazzjoni ragonevoli ghall-fatti tal-kaz in dizamina, allura certament illi l-esponent ma' setgha qatt jigi dikjarat hati ta' tali akkuza, iktar u iktar meta l-istess Qorti fl-istess sentenza appellata tiddikjara illi hija qedha tqis il-verzjoni mgohtija mid-difiza bhala dik kredibbli tant li abbracjata interament meta kienet qed tikkunsidra l-imputazzjoni ta' serq.

Illi bl-akbar rispett l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti kien wiehed li jirrendi lill-appellant hati a bazi ta' negligenza u traskuragni, haga li legalment ma' kienitx permessa u dan stante illi r-reat in ezami huwa wiehed doluz u mhux kolpuz u ghalhekk kien rikjest li jigi ppruvat li l-esponent kien xjenti tal-provenjenza illecita tal-oggett minn akkwizit.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa membru tar-Royal Malta Golf Club u fis-sajt tal-elfejn u tlettax (2013) kien iltaqa' ma' certa Alister Macleen fl-inhawi ta' Wied il-Ghajn u peress illi t-tnejn kienu Inglizi bdew jiddiskutu d-diversi passatemp taghhom. Irrizulta illi t-tnejn kellhom interess fil-golf u l-appellant wera x-xewqa illi jbiddel jew jixtri trolley ghall-uzu ta' dan il-passatemp. Peress illi l-appellant ma kienx jifhem fil-computers u ma juzax l-internet, Macleen offra illi jgiblu trolley minn fuq l-Ebay. L-appellant accetta u xi gimgha jew ftit aktar wara Macleen gablu dan it-trolley illi ghalih l-appellant hallas mija u tminja u erbghin lira Sterlina (£148). Meta mar fl-ambjenti tar-Royal Malta Golf Club is-Sinjura Felicty Dicks illi tiggestixxi l-hanut f'dan il-club gieha suspett illi t-trolley illi kien qed juza l-appellant kien dak illi gie misruq minghandha xi gimghat qabel. Ipprovuat issib is-serial number u ghall-ewwel dan ma nstabx izda instab mill-appellant illi sejjah lil Felicity Dicks biex tara n-numru u tirregistrah kif fil-fatt ghamlet. Irrizulta illi dan it-trolley kien l-istess wiehed illi kien insteraq minghandha xi gimghat qabel. Il-pulizija investigat dan il-kaz kif ukoll lill-appellant li irrilaxxa stqarrija f'liema stqarrija huwa ta l-movimenti u l-provenjenza tat-trolley kif gie ghandu. Spjega kif xi gimghat jew ftit xhur qabel kien iltaqa' ma' wiehed Ingliz, Alister Macleen, u bdew jiddiskutu d-

diversi passatempi li kellhom u sabu illi t-tnejn ghandhom il-passatemp tal-golf. Peress illi l-appellant ried ibiddel it-trolley li kellu jew igib wiehed differenti u peress illi ma kienx daqshekk komdu fl-uzu tal-internet u l-kompjuter, Macleen offra li jgiblu trolley minn fuq l-internet. Xi gimgha jew ftit granet aktar l-appellant iltaqa' ma' Macleen u dan tah it-trolley. L-appellant hallas ghal dan it-trolley mija u tminja u erbghin lira Sterlina (£148) u meta staqsih ghall-ircevuta Macleen wiegbu illi kien se jibaghthielu. Izda din qatt ma giet. Wara dan l-iskambju l-appellant qatt ma rega' iltaqa' ma' Macleen. Jaf biss li kien joqghod il-Qawra però ma kienx jaf l-indirizz tieghu l-Ingilterra. Meta giet stabilit definittivament illi n-numru tas-serje illi kellu t-trolley fil-pussess tal-appellant kien l-istess bhal dak illi gie nieqes mill-pussess ta' Felicity Dicks, l-appellant irritorna t-trolley izda l-pulizija ipprocedew kontra l-appellant b'addebiti ta' serq u ricettazzjoni.

B'sentenza moghtija fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awwissu tal-elfejn u erbatax (2014) il-Qorti tal-Magistrat illiberat lill-appellant mill-akkuza ta' serq izda sabitu hati ta' ricettazzjoni u illiberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sentejn ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ma setghet qatt legalment u ragjonevolment issib lill-appellant hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni peress illi l-element tax-xjenza ma giex ipprovat sodisfacentament.

Ikkunsidrat:

Jinghad mill-bidu nett illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni korretta tal-elementi tar-reat ta' ricettazzjoni u s-sentenzi minnha ikkwotati kollha jirreferu ghal studju magisterjali maghmul mill-mibki Imhallef William Harding fil-ktieb tieghu "Recent Criminal Cases Annotated" fejn f'sentenza numru 109 Pulizija versus Joseph Bugelli u ohrajn tal-24 ta' Jannar 1942 jinghad: "Three conditions are essential, that is, (a) that, previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchased, or, in any manner, taken part in the selling or disposing of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods." Dan l-ahhar element, dak tax-xjenza jew "awareness" kien soggett ta' diversi interpretazzjonijiet mis-sentenzi taghna u dejjem qiesu illi s-suspett biss illi l-oggett seta' kellu provenjenza illecita ma kienx bizzejjed biex

jissodisfa din in-natura ta' "awareness" kif trid il-ligi. Hekk qalet, perezempju, il-kawza Pulizija kontra Carmel Debono deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ewwel (1) ta' Novembru elf disa' mija sitta u disghin (1996): "biex persuna tinstab hatja ta' ricetazzjoni trid tkun taf li l-oggett illi qed tircievi jew li qieghed jindahal biex jinbiegh jew tmexxi hu ta' provenjenza illecita. Mhux bizzejjed li bhala fatt l-oggett ikun insteraq lil haddiehor; hemm bzonn li jkun hemm ix-xjenza tal-agent dwar dik il-provenjenza illecita." Dan gie spjegat ahjar fil-kawza Pulizija versus George Schembri, Qorti tal-Appell 30 ta' April 1992 "... min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla din il-provenjenza huwa hati ta' ricettazzjoni."

Ikkunsidrat:

Illi mehud kont ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz il-Qorti mhiex daqshekk moralment konvinta illi dan l-element tax-xjenza issussista f'mohh l-appellant meta xtara dan it-trolley minghand Macleen. Jibda biex jinghad illi dan Alister Macleen ma kienx xi persuna injota ghall-appellant; kien ilhom jiltaqghu xi zmien u saru wkoll hbieb u ma kellu l-ebda raguni ghaliex jissuspetta f'xi haga hazina f'din il-persuna. Di più l-appellant ma hallasx xi cirfa irrizorja ghal dan it-trolley li bhal oggett second hand kien bejn wiehed u iehor nofs il-prezz ta' dak gdid. Allura jista' jitqies bhala ragjonevoli ghal oggett "second hand". Wara illi akkwista t-trolley l-appellant mar bih fir-Royal Malta Golf Club u ipprattika l-isport tal-golf hemmhekk. Kien proprju meta kien f'dak il-lok illi Felicity Dicks, il-proprjetarja tal-hanut illi tbiegh oggetti tal-golf, gharfet it-trolley bhala dak illi gie nieqes mill-hanut taghha. Lil kieku l-appellant kellu xi hjiel illi dak l-oggett seta' kien misruq jew kellu provenjenza illecita zgur illi ma kienx jiehdu fil-lok fejn dan insteraq. Izda meta giet migbuda l-attenzjoni tieghu illi t-trolley seta' kellu xi haga mhux sew l-appellant mal-ewwel ikkopera kemm ma' Felicity Dicks kif ukoll mal-pulizija li investigaw il-kaz u kien proprju l-appellant illi gibed l-attenzjoni ta' Dicks fejn kien qieghed is-serial number biex din setghet tekwiparah mar-records illi kellha u waslet ghall-konkluzjoni illi fil-fatt dak kien l-oggett misruq. Meta gie accertat illi t-trolley kien fil-fatt misruq l-appellant irritorna t-trolley lil Felicity Dicks.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija sodisfatta illi l-appellant seta' ma kienx jaf illi l-oggett kellu provenjenza illegittima u jekk forsi qatt seta' kellu xi suspett ma seta' jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza. L-indikazzjonijiet huma illi l-

appellant xtara dak it-trolley minghand persuna illi kien jaf, kien jafdaha, hallas prezz normali tieghu, talab ghal ircevuta li però ma nghatatlux u ghalhekk xtara l-oggett in "buona fede" tant illi mar biex juzah proprju fil-post fejn dan insteraq ad insaputa tieghu.

Ghalhekk din il-Qorti thoss illi l-appellant seta' ma kellux dik ix-xjenza rikjesta mil-ligi ghall-htija taht ir-reat ta' ricettazzjoni u kwindi dan id-dubju ragjonat ghandu jmur favur tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mill-akkuza ta' serq aggravat u tirrevokaha f'dik il-parti fejn gie misjub hati ta' ricettazzjoni u minflok tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' din it-tieni akkuza ta' ricettazjoni u tordna li jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------